

Brussell, 2 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9607/25

RECH 252
COMPET 445
IND 164
MI 346

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 270 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI L-Istrateġija tal-UE dwar l-Istartups u l-Iscaleups Agħżel l-Ewropa biex tibda jew tespandi negozju

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 270 final.

Mehmuż: COM(2025) 270 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2025
COM(2025) 270 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

L-Istrateġija tal-UE dwar l-Istartups u l-Iscaleups

Agħżel l-Ewropa biex tibda jew tespandi negozju

{SWD(2025) 138 final}

1. INTRODUZZJONI

Kuntest

Wasal iż-żmien li l-Ewropa ssir forza għall-istartups. Il-kompetittività tagħna u, fl-aħħar mill-aħħar, il-prosperità tagħna, jiddependu fuq dan. Ekosistema b'saħħitha tal-istartups u tal-iscaleups tista' tittrasforma l-ekonomija tal-Ewropa – billi żżid il-produttività, toħloq impjiegi ta' kwalità u tattira t-talent u l-investimenti. Jista' jkollha wkoll rwol ewlieni fl-ambizzjoni stabbilita fil-Linji Gwida Poliċi tal-President von der Leyen biex tingħata spinta lill-produttività, lis-sovranità teknoloġika u biex l-innovazzjoni titpoġġa fil-qalba tal-ekonomija tagħna. Hija parti essenzjali fit-twettiq tas-sejħa tal-Boxxla għall-Kompetittività biex jerġa' jinbada ċiklu virtuwż ta' innovazzjoni.

L-istartups u l-iscaleups tal-Ewropa diġà jixprunaw l-innovazzjoni u l-kreattività fl-ekonomija tagħna. Il-35,000 kumpanija fi stadju bikri madwar l-Unjoni tagħna, kif ukoll it-3,400 kumpanija tat-teknoloġija addizzjonali li jinsabu fl-istadju tat-tkabbir tagħhom huma sors ewlieni ta' prodotti u servizzi godda¹. Huma jeċċellaw biex jipprovdu soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi tal-klijenti, huma mmirati lejn swieq niċċa jew emerġenti u jindirizzaw problemi li spiss jiġu injorati minn kumpaniji akbar. Dawn huma magni ta' innovazzjoni fixkiela u joħlqu swieq ġodda fejn l-UE tista' tiegħu f'idejha t-tmexxija globali. Huma jstimulaw ukoll l-innovazzjoni f'kumpaniji akbar u stabbiliti permezz ta' kollaborazzjoni, kompetizzjoni u akkwizzizzjoni.

Ekosistema tal-istartups u tal-iscaleups b'saħħitha fl-Ewropa hija essenzjali wkoll għall-awtonomija u r-reżiljenza strateġiċi usa' tagħna. L-istartups u l-iscaleups Ewropej isaħħu l-kapaċità industrijali u l-produttività tal-UE u jgħinu biex jitnaqqsu d-dipendenzi f'setturi u teknoloġiji ewlenin. Essenzjalment, dawn għandhom ukoll rwol vitali li jipprovdu impjiegi għall-Ewropej, bi tliet miljun impjieg maħluq f'dan l-aħħar deċennju minn startups tat-teknoloġija biss. Din it-trasformazzjoni tista' tiġi amplifikata ulterjorment bl-integrazzjoni gradwali ta' pajjiżi kandidati, u b'hekk jiġi estiż l-ilħuq tal-ekosistema kompetittiva tal-Unjoni.

Id-dijanjożi: Pedamenti b'saħħithom, sfidi dejjiema

L-istartups u l-iscaleups għandhom pedamenti sodi biex jirnexxu fl-UE, inkluża forza tax-xogħol b'ħiliet għolja u sistema regolatorja stabbli. L-UE hija forza ekonomika globali bi tmexxija fir-riċerka u l-innovazzjoni, suq uniku ta' 450 miljun konsumatur, kompetizzjoni effettiva u ġusta, tfaddil sostanzjali fl-unitajiet domestiċi, ambjent prevedibbli ta' investiment u negozju, ibbażat fuq l-istat tad-dritt. L-intraprenditorija tat-teknoloġija qiegħda tiżdied, b'aktar startups varati kull sena milli fl-Istati Uniti u b'żieda ta' erba' darbiet fil-kumpaniji fi stadju bikri mill-2015 'l hawn.²

Il-politiki tal-UE u daww nazzjonali tejbu b'mod sinifikanti l-ekosistema tal-istartups.³⁴ Mill-2007, l-istartups iffinanzjati mill-UE li qed jiżviluppaw teknoloġiji avvanzati għabru aktar

¹ Atomico (2024), State of the European Tech 2024.

² Dealroom – Accelerating Europe report, 2025

³ Pereżempju, l-Alleanza tan-Nazzjonijiet għan-Negozji l-Ġodda tal-Ewropa (ESNA, Europe Startup Nations Alliance) li l-missjoni tagħha hija li tidentifika, tikkondividi u timplimenta l-aħjar prattiki ta' politika għall-istartups u timmonitorja l-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom skont il-kompetenzi nazzjonali.

minn EUR 70 biljun f'kapital ta' riskju u g'generaw 'il fuq minn EUR 500 biljun f'valur tal-intrapriża. Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council), li tnedja fl-2018 b'baġit ta' EUR 10,1 biljun, jappoġġa innovazzjonijiet fixkiela mir-riċerka sal-iskalar. Illum, il-Fond tal-EIC huwa wieħed mill-akbar fondi ta' kapital ta' riskju ta' teknoloġija profonda fl-UE, u għandu l-għan li jiġbor sa EUR 20 biljun għall-istartups sal-2027. InvestEU, l-akbar programm tal-UE għall-appoġġ tal-kumpaniji fl-istadji kollha tal-iżvilupp, jikkomplementa dan billi jrawwem il-kapital ta' avvjament, it-tkabbir, l-iscaleup, il-manifattura u l-implimentazzjoni⁵. Permezz ta' sħab bħall-Fond Ewropew tal-Investment, InvestEU huwa essenzjali biex jiżviluppa l-ekosistema tal-kapital ta' riskju tal-Ewropa, filwaqt li l-Inizjattiva ta' Champions Ewropej tat-Teknoloġija għabt b'suċċess fondi pubbliċi biex tappoġġa l-fondi Ewropej tal-kapital ta' riskju.

Madankollu, illum il-ġurnata għadu diffiċli li wieħed jibda u jespandi kumpaniji innovattivi fl-Ewropa. Mit-tranżizzjoni mil-laboratorju għas-suq, għall-aċċess għall-kapital u t-talenti, sal-ħruġ b'suċċess, l-istartups u l-iscaleups Ewropej għadhom jiffaċċjaw sfidi sinifikanti. Is-suq għadu frammentat, bi żbilanċi reġjonali, u l-isforzi tal-UE biex ir-riċerka tiġi tradotta fi prodotti kummerċjabbli u f'negozji li qed jespandu huma mxejjla minn Suq Uniku mhux komplut – inkluż għall-kapital, il-frammentazzjoni regolatorja, it-teħid tar-riskju mnaqqas mill-investituri, l-adozzjoni bil-mod tal-innovazzjoni u l-akkwist pubbliku sottoutilizzat.

L-istartups Ewropej spiss jiltaqqu ma' żewġ “widien tal-mewt” (Illustrazzjoni 1). L-ewwel wieħed iseħħ meta l-innovazzjonijiet jonqsu milli jsiru prodotti kummerċjabbli, filwaqt li t-tieni, li huwa partikolarment ta' sfida fl-Ewropa, iseħħ meta l-kumpaniji jsibuha diffiċli biex jespandu. Bejn l-2008 u l-2021, kważi 30 % tal-“unicorns” Ewropej⁶ irrilokaw barra mill-UE,⁷ u 8 % tal-iscaleups globali biss huma bbażati fl-Ewropa. L-Ewropa tirriskja li taqa' lura fit-teknoloġiji strateġiċi, hekk kif qed titħabat biex iżżomm u tattira scaleups teknoloġiċi b'potenzjal għoli.


⁴ Il-Kummissjoni Ewropea - Il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: l-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu, COM(2016) 733 final, 22 ta' Novembru 2015; l-inizjattiva Startup Europe (<https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/startup-europe>).

⁵ Madwar 40 % tal-garanzija ta' InvestEU ta' EUR 26,2 biljun jintużaw għall-appoġġ ta' dejn ta' impriża b'riskju għoli, kważi ekwità, u investment ta' ekwità magħmul minn sħab ta' implimentazzjoni taħt arranġamenti ta' kondiviżjoni tar-riskju mal-baġit tal-UE.

⁶ Unicorn hija kumpanija tas-settur privat – startup – b'valwazzjoni skont is-suq ta' EUR 1 biljun jew aktar.

⁷ “In search of the EU unicorns – what do we know about them?” Rapport Tekniku tal-JRC (JRC, Joint Research Centre), 2022 <https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC127712>

IL-WIED TAL-MEWT DOPPIU TAL-ISTARTUPS



/Illustrazzjoni 1: Illustrazzjoni simplifikata tal-hekk imsejjaħ wied tal-mewt doppju tal-istart-ups

Il-viżjoni: Li l-UE ssir forza tal-istartups u l-iscaleups

L-istrateġija tal-UE għall-istartups u l-iscaleups għandha l-għan li tagħmel l-Ewropa l-aħjar post fid-dinja biex jiġu varati u jtkabbru kumpaniji globali mmexxija mit-teknoloġija, inklużi kumpaniji tat-teknoloġija profonda. Tiffoka fuq l-għajnuna lill-innovaturi, il-fundaturi u l-investituri biex Jagħżlu lill-Ewropa! billi ttejjeb il-kundizzjonijiet għall-istartups u l-iscaleups, billi tagħmilha possibbli għalihom li jikkapitalizzaw mill-opportunitajiet ġeopolitiċi ġodda u tnaqqsilhom ir-raġunijiet għaliex jaf inkella jirreolokaw lil hinn mill-UE. Dan huwa kruċjali għat-teknoloġiji strateġiċi, bħal pereżempju l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji kwantistiċi, is-semikondutturi avvanzati, it-teknoloġija medika, il-bijoteknoloġija, l-applikazzjonijiet tal-bijoeconomija, it-teknoloġija u l-enerġija nadifa (inkluża t-teknoloġija nukleari), it-teknoloġija tal-ilma u t-teknoloġija blu, is-sigurtà, id-difiża, l-isparzu, ir-robotika u l-materjali avvanzati.⁸

Filwaqt li tibni fuq l-Istrateġija tas-Suq Uniku tal-Kummissjoni⁹ u sforzi oħra biex jittejjeb l-ambjent tan-negozju, l-istrateġija tiffoka fuq it-tisħiħ tal-aċċess għas-suq intern tal-Ewropa, li għandu potenzjal enormi li jixpruna l-innovazzjoni u jżomm lill-kumpaniji Ewropej kompetittivi globalment. Din tippermetti lill-istartups u l-iscaleups jikbru u jilhqqu l-iskala meħtieġa biex jikkompetu b'mod effettiv.

Biex jinkiseb dan, l-istrateġija tfittex li tbiddel l-ekonomija Ewropea lejn mudell aktar intraprenditorjali u innovattiv. Għandha l-għan li toħloq ekosistema dinamika fejn jiġu mħeġġa viżjoni kuraġġuża u teħid ta' riskji kkalkolat, u l-falliment jitqies bħala pass meħtieġ għall-progress. L-istrateġija se tixpruna l-bidliet fil-politika u regolatorji fl-UE, bil-Kummissjoni tmexxi bl-eżempju. L-għan huwa li titwitta t-triq għal ġenerazzjoni li jmiss ta'

⁸ Inkluża kwalunkwe applikazzjoni b'użu doppju.

⁹ [Strateġija għas-suq uniku](#)

startups, centaurs u unicorns Ewropej li għandhom il-potenzjal li jiżviluppaw f'mexxejja fit-teknoloġija globali.

L-Istrateġija tistabbilixxi għadd ta' miżuri ta' appoġġ leġislattiv, politiku u finanzjarju b'sostenn għall-istartups u l-iscaleups Ewropej, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri. L-impatt tagħha se jitkejjel 1) biż-żieda fl-għadd ta' startups fl-UE, 2) biż-żieda fl-għadd ta' centaurs¹⁰ fl-UE u 3) biż-żieda fl-għadd ta' unicorns fl-UE, u kif dawn jitqabblu mal-kompetituri globali tal-UE.

L-Istrateġija hija strutturata skont ħtiġijiet differenti li tista' tiffaċċja kumpanija innovattiva matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħha, mit-tnedija sal-espansjoni u s-suċċess fl-UE:

- 1) regolamentazzjoni favorevoli għall-innovazzjoni;
- 2) finanzjament aħjar;
- 3) adozzjoni u espansjoni rapidi tas-suq;
- 4) appoġġ għall-aħjar talent; u
- 5) aċċess għall-infrastruttura, għan-networks u għas-servizzi.

L-Istrateġija hija akkumpanjata minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

¹⁰ Centaur hija kumpanija tas-settur privat – startup – b'valwazzjoni skont is-suq ta' EUR 100 miljun jew aktar.

2. REGOLAMENTAZZJONI FAVOREVOLI GĦALL-INNOVAZZJONI

L-Ewropa hija rikonoxxuta għall-istandards regolatorji b'saħħithom tagħha, li jipprovdu stabbiltà u fiduċja għall-investituri tal-UE kif ukoll għal dawk mhux tal-UE. Il-qafas regolatorju tal-UE jiżgura wkoll sikurezza u ċarezza għall-istartups, u jrawwem innovazzjoni u intraprenditorija. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni qiegħda tnaqqas b'mod attiv il-piżijiet amministrattivi, u qiegħda timmira għal tnaqqis ta' 25 % għall-kumpaniji u ta' 35 % għall-SMEs, filwaqt li ttejjeb l-aġilità. L-Istrateġija għas-Suq Uniku¹¹ qiegħda tindirizza l-frammentazzjoni u l-ostakoli għall-moviment liberu tal-oġġetti u servizzi, u toffri pedament sod għat-tkabbir.

Biex tibqa' kompetittiva fix-xenarju teknoloġiku globali li qiegħed jevolvi malajr, l-UE tiffaċċja diversi sfidi. Il-frammentazzjoni regolatorja fl-Istati Membri tagħmilha diffiċli biex l-istartups u l-iscaleups joperaw b'mod effiċjenti fis-Suq Uniku. Sistemi legali nazzjonali differenti, speċjalment f'oqsma bħat-tassazzjoni, id-dritt tal-kumpaniji u l-liġi dwar it-titoli, joħolqu ostakoli għall-investituri, u jillimitaw il-fluss tal-kapital. L-istartups jiffaċċjaw ukoll diffikultajiet biex jinnavigaw liġijiet tax-xogħol li jvarjaw u kostijiet għoljin għall-falliment, u dan iżid l-inċertezza għall-fundaturi kif ukoll għall-investituri. Barra minn hekk, il-pass bil-mod tal-approvazzjoni regolatorja għal teknoloġiji ġodda, flimkien mal-oqfsa regolatorji eżistenti li ma jadattawx malajr għall-innovazzjoni, ixekklu l-adozzjoni ta' prodotti u servizzi fixkiela.

Biex tindirizza dawn l-isfidi, l-UE trid ittejjeb l-aġilità regolatorja tagħha. L-Att Ewropew għall-Innovazzjoni li jmiss u t-28 reġim se jgħinu lill-kumpaniji startup u scaleup jiżviluppaw fl-UE. L-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Insolvenza se tissimplifika l-proċeduri ta' insolvenza, u se tkun ta' benefiċċju wkoll għall-istartups billi tnaqqas il-komplessità u l-kostijiet. Ir-Rakkomandazzjoni dwar it-Taxxa li jmiss, bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa, se tirrakkomanda li l-ispejjeż immedjati u d-deprezzament aċċellerat jiġu trattati b'mod favorevoli u li jiġu pprovduti inċentivi għal krediti ta' taxxa li jappoġġaw attivitajiet ta' investiment minn startups u scaleups. Barra minn hekk, **l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja**¹² jistgħu jipprovdu lill-istartups b'ambjenti ta' ttestjar f'kundizzjonijiet tad-dinja reali, li jippermettulhom jirfinaw l-innovazzjonijiet tagħhom filwaqt li r-regolaturi jistgħu jifhmu aħjar il-ħtiġijiet ta' innovazzjonijiet emerġenti u jaġġustaw ir-regoli biex jirrispondu aħjar għal dawn l-isfidi. Għalhekk, l-ambjenti ta' esperimentazzjoni mhux biss jgħinu lill-istartups¹³ iżda jrawmu wkoll kollaborazzjoni aktar mill-qrib mal-awtoritajiet, jibnu l-fiduċja

11 The Single Market: our European home market in an uncertain world, COM(2025) 500 final

12 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ambjenti ta' Esperimentazzjoni Regolatorja u klawżoli ta' Esperimentazzjoni bħala għodod għal qafas regolatorju reżiljenti, favorevoli għall-innovazzjoni u reżistenti għall-futur li jegħleb l-isfidi ta' tfixkil fl-era diġitali 2020/C 447/01, ĠU C 447, 23.12.2020, p. 1.

13 Pereżempju, aktar minn 60 % ta' startups fil-fintech li pparteċipaw f'ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorji rnexxielhom jattiraw investiment fl-ewwel 6 xhur tal-provi tagħhom (<https://www.jbs.cam.ac.uk/faculty-research/centres/alternative-finance/publications/early-lessons-on-regulatory-innovation-to-enable-inclusive-fintech/>) u billi pparteċipaw fl-ambjenti ta' esperimentazzjoni, iċ-ċansijiet tagħhom li jattiraw finanzjament żdiedu b'50 % (<https://www.bis.org/publ/work901.pdf>)

u jattiraw l-investment u, meta jiġu applikati għall-innovazzjoni bbażata fuq il-post, jistgħu jixprunaw l-iżvilupp lokali fuq skala territorjali.

Il-Kummissjoni se tipproponi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż permezz tal-proċess tas-Semestru Ewropew biex ittejjeb il-politika tal-innovazzjoni u tissimplifika l-ambjent tan-negozju fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tkompli ssaħħa l-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem biex tħaffef il-proċessi ta' standardizzazzjoni tal-UE biex iżomm il-pass mal-avvanzi teknoloġiċi, filwaqt li tiżgura li d-dħul u l-espansjoni tas-suq għall-istartups isiru aktar faċli u aktar rapidi fis-Suq Uniku kollu.

Azzjonijiet

- **Il-Kummissjoni se tipproponi t-28 reġim Ewropew** li se jipprovdi sett uniku ta' regoli għall-kumpaniji. Dan ikun jinkludi qafas legali korporattiv tal-UE, ibbażat fuq soluzzjonijiet diġitali b'mod awtomatiku, u se jgħin lill-kumpaniji jegħlbu l-ostakli fl-istabbiliment, fl-espansjoni u fl-operat ta' kumpaniji fis-Suq Uniku. Biex tagħmel dan, se tissimplifika r-regoli applikabbli u tnaqqas il-kost tal-falliment, billi tindirizza aspetti speċifiċi fl-oqsma rilevanti tal-liġi, inkluż il-liġi dwar l-insolvenza, tax-xogħol u dwar it-taxxa. Se tesplora l-possibbiltà li tippermetti lill-kumpaniji jistabbilixxu ruħhom fl-Ewropa b'mod aktar rapidu, idealment fi żmien 48 siegħa (l-ewwel trimestru tal-2026).
- **Il-Kummissjoni se tipproponi l-Kartiera Ewropea tan-Negozju** bħala l-pedament għat-twettiq sempliċi u diġitali tan-negozju fl-UE, li tistabbilixxi identità diġitali għall-operaturi ekonomiċi kollha u jipprovdi qafas għall-kondiviżjoni ta' data u kredenzjali vverifikati biex tippermetti interazzjonijiet diġitali mingħajr xkiel bejn l-operaturi ekonomiċi u l-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Unjoni (ir-raba' trimestru tal-2025).
- **Il-Kummissjoni se tipproponi Att Ewropew għall-Innovazzjoni li se jippromwovi wkoll ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja**, biex jippermetti lill-innovaturi jiżviluppaw u jittestjaw ideat ġodda. Dan se jkun fih definizzjoni legali komuni u prinċipji bażiċi dwar l-istabbiliment ta' ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, inklużi ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja transfruntiera jew ibbażati fuq il-post, filwaqt li jiġu żgurati ħtiġijiet speċifiċi għas-settur (l-ewwel semestru tal-2026).
- **Il-Kummissjoni se tipproponi "Test tal-Istress għall-Innovazzjoni" volontarju mill-Istati Membri**, li jikkonsisti f'rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri biex jivvalutaw sistematikament l-impatt potenzjali fuq l-innovazzjoni meta jħejju leġislazzjoni nazzjonali ġdida jew riveduta (l-ewwel semestru tal-2026).
- **Il-Kummissjoni se tressaq proposti biex jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji fis-setturi strateġiċi** permezz ta' proposti leġislattivi u mhux leġislattivi settorjali futuri, bħall-Att tal-UE dwar il-Bijoteknoloġija, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija, l-Istrateġija għax-Xjenzi tal-Ħajja tal-UE, l-Att dwar il-Materjali Avanzati, ir-Regolament dwar l-Apparati Mediċi u l-Pakkett dwar is-Simplifikazzjoni tad-Difiża tal-Omnibus (mill-2025).
- **Il-Kummissjoni se tirrevedi r-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni** biex il-proċessi tal-iffissar tal-istandards isiru aktar rapidi u aktar aċċessibbli, b'mod partikolari għall-SMEs u l-istartups (Q2 2026).

- Il-Kummissjoni se **tniedi studju** biex tivvaluta kemm il-mod li bih ir-ristrutturar korporattiv huwa organizzat u regolat fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri jgħidli ostakli għall-istartups, għall-iscaleups u għall-kumpaniji innovattivi għall-adattament u għall-innovazzjoni tan-negozju f'setturi differenti tal-ekonomija, abbażi ta' data fil-livell tad-ditta (2026). Dan l-istudju se jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għal Impjiegi ta' Kwalità u l-pakkett dwar il-Mobilità tax-Xogħol Ġusta.

3. FINANZJAMENT AĦJAR GĦALL-ISTARTUPS U L-ISCALEUPS

L-investimenti tal-kapital ta' riskju Ewropew (VC, Venture Capital) kellhom prestazzjoni tajba ħafna, bir-redditi issa fuq l-istess livell tal-kontropartijiet mhux tal-UE jew b'livell ogħla.¹⁴ Is-settur pubbliku tal-UE kien strumentali biex jagħti spinta lis-suq tal-VC, b'inizjattivi bħall-Fond InvestEU, li mmobilizza kapital privat għal investimenti fl-SMEs u l-iscaleups. Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) appoġġa negozji ġodda tat-teknoloġija profonda b'għotjiet u investimenti ta' ekwità sa EUR 30 miljun u l-Inizjattiva Ewropea tal-Promoturi tat-Teknoloġija ġabret b'suċċess fondi pubbliċi biex tappoġġa l-fondi Ewropej tal-VC. Il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) ikkatalizza t-tkabbir tal-industrija tal-kapital ta' riskju matul dawn l-aħħar 30 sena, billi uża sa EUR 7 biljun fis-sena f'fondi madwar l-Ewropa kollha. Dawn l-esperjenzi juru l-benefiċċji li l-appoġġ jiġi kkombinat permezz ta' intermedjarji finanzjarji, kif sar taħt InvestEU, li jgħinu fl-iżvilupp tal-ekosistema tal-VC kollha kemm hi, b'investimenti diretti ta' ekwità mwettqa mill-Fond tal-EIC, li jippermettu deċiżjonijiet strateġiċi fl-għażla tal-kumpaniji biex jinvestu, fis-sħab tal-investment u fil-linji gwida dwar l-investment u b'fondi ta' ġestjoni kondiviżi, prinċipalment il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, li jaġixxi bħala katalist biex jattira fondi privati addizzjonali permezz ta' għotjiet u strumenti finanzjarji. L-investimenti barranin tal-kapital ta' riskju fil-kumpaniji Ewropej ilhom jiżdiedu mill-2016.¹⁵ L-UE għandha għadd dejjem akbar ta' investituri informali, b'mod partikolari fundaturi ta' suċċess li huma lesti li jirriinvestu fi, u jagħtu mentoraġġ, lill-ġenerazzjoni l-ġdida ta' startups.¹⁶

Madankollu, is-sistema finanzjarja tal-UE tibqa' fil-biċċa l-kbira ċċentrata fuq il-banek, b'assi bankarji li jammontaw għal 300 % tal-PDG tal-UE, meta mqabbla ma' 85 % biss fl-Istati Uniti.¹⁷ Id-daqs żgħir tas-suq tal-kapital ta' riskju tal-UE huwa xprunat minn nuqqas ta' kultura ta' ekwità, averżjoni għar-riskju, u l-frammentazzjoni tas-swieq kapitali minħabba regoli nazzjonali li jvarjaw.¹⁸ Din il-frammentazzjoni regolatorja tinkludi insolvenza differenti, liġijiet korporattivi, sistemi tat-taxxa, u swieq pubbliċi li jillimitaw opportunitajiet għall-ħruġ mill-investimenti.¹⁹ Hemm differenzi ġeografiċi kbar fid-disponibbiltà ta' tali finanzjament, b'xi Stati Membri li għadhom jiffaċċjaw kwistjonijiet sinifikanti fl-istadji kollha ta' għir ta' fondi. Il-livell ta' investimenti transfruntiera għadu baxx, li jdgħajef ukoll perspettivi tat-tkabbir u jista' jixpruna lill-kumpaniji innovattivi biex ifittxu swieq akbar u finanzjament aktar sempliċi barra mill-Ewropa.

Għad hemm diskrepanza ċara fil-finanzjament fejn jidħol il-finanzjament ta' espansjoni ta' teknoloġiji b'riskju għoli u intensivi fil-kapital li jirrikjedu investimenti ta' aktar minn EUR 100 miljun.²⁰ In-nuqqas ta' aċċessibbiltà usa' ta' kapital għall-espansjoni jew għat-

¹⁴ InvestEurope, 2024

¹⁵ L-UE u r-Renju Unit.

¹⁶ Ir-Regolament dwar Fornituri Ewropej ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv għan-Negozji jiffaċilita intermedjazzjoni u pariġġar aktar effiċjenti, inkluż bejn investituri informali u startups f'livell pan-Ewropew.

¹⁷ BEI (2024), The scaleup gap: financial market constraints holding back innovative firms in the European Union, Bank Ewropew tal-Investment, <https://data.europa.eu/doi/10.2867/382579>

¹⁸ BEI (2024), The scaleup gap: financial market constraints holding back innovative firms in the European Union, Bank Ewropew tal-Investment, <https://data.europa.eu/doi/10.2867/382579>

¹⁹ Ara s-sommarju tal-konsultazzjoni inkluż fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja din l-Istrateġija.

²⁰ Ir-rapport tal-FEI dwar id-[diskrepanza tal-finanzjament tal-Iscaleups](#)

tkabbir joħloq diversi riskji għall-UE, jiġifieri i) it-telf ta' kumpaniji li l-Ewropa tkun ħadet ħsieb tagħhom fil-fażi inizjali tat-tkabbir, u ii) it-telf ta' teknoloġiji kritiċi li huma essenzjali għall-prosperità futura tagħna. Huwa meħtieġ fond Ewropew tal-iscaleups b'massa kritika, li jopera f'kundizzjonijiet tas-suq, biex jimla din id-diskrepanza u jsaħħaħ is-sigurtà ekonomika u s-sovranità teknoloġika tal-UE. Barra minn hekk, kif imħabbar fl-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, il-Kummissjoni se tesplora modi kif tappoġġa l-ETCI 2.0 (ETCI, European Tech Champions Initiative), struttura ta' fond ta' fondi aktar profonda u saħansitra aktar ambizzjuża, li tiġbor il-kapital mill-investituri privati kif ukoll minn dawk pubbliċi, li huwa ppjanat li jitnieda mill-FEI sal-2026. Se tiġi żgurata kooperazzjoni mill-qrib u komplementarjetà bejn l-ETCI 2.0 u l-Fond il-ġdid għall-Iscaleups tal-Ewropa biex jiġu massimizzati l-impatt u l-flessibbiltà, b'mod partikolari fid-dawl tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività futur.

Id-domanda għal finanzjament għall-istartups tat-teknoloġija profonda għadha għolja wkoll. Minkejja li l-Fond tal-EIC sar wieħed mill-investituri ewlenin tat-teknoloġija profonda tal-Ewropa f'4 snin biss, id-domanda minn kumpaniji tat-teknoloġija profonda eċċellenti għall-appoġġ tal-EIC bħalissa ma tistax tiġi ssodisfata.²¹ Fl-istess ħin, l-EIC jeħtieġ li jissimplifika u jaċċellera l-proċessi tiegħu biex jirrispondi aħjar għall-ħtiġijiet tal-applikanti u tad-destinatarji ta' investiment potenzjali tiegħu. Barra minn hekk, l-EIC se jieħu ispirazzjoni minn prattiki tat-tip ARPA (ARPA, Advanced Research Projects Agency) u se jaħdem mill-qrib mal-investituri fdati tiegħu, mas-sħab korporattivi u mal-aktar innovaturi Ewropej ta' suċċess biex jidentifika xejriet teknoloġiċi emerġenti u teknoloġiji fixkiela li huma kruċjali għall-kompetittività Ewropea u l-awtonomija strateġika.²²

B'mod partikolari, intraprendituri u investituri nisa għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti fl-aċċess għall-finanzjament. Pereżempju, l-investiment kapitali fi startups tat-teknoloġija għadu ddominat minn timijiet fundaturi komposti biss minn irġiel, bit-timijiet fundaturi komposti minn irġiel u nisa jirċievu 15 % tal-finanzjament, filwaqt li timijiet komposti biss minn nisa jirċievu biss 3 %.²³ Huwa essenzjali li jissaħħaħ l-aċċess tan-nisa għall-finanzjament, li tiżdied ir-rappreżentanza tagħhom fir-rwoli tat-tehdid tad-deċiżjonijiet fil-finanzi, u li jitrawmu networks ta' investiment immexxija min-nisa biex titnaqqas din id-differenza persistenti bejn il-ġeneri. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali u r-reviżjoni li jmiss tiegħu (2026) se jfittxu wkoll li jtejbu l-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali.

Illum, l-investituri istituzzjonali Ewropej, inklużi l-fondi tal-pensjoni u tal-assigurazzjoni, għandhom biss rwol limitat fis-suq Ewropew tal-kapital ta' riskju. Bejn l-2013 u l-2023, il-fondi tal-pensjonijiet kienu jammontaw għal 7 % biss tal-finanzjament tal-kapital ta' riskju fl-UE.²⁴ Madankollu, xi Stati Membri tal-UE diġà bdew jieħdu inizjattivi

²¹ Mill-applikazzjonijiet għall-Aċċelleratur tal-EIC kollha, 5,9 % minnhom biss kellhom suċċess fl-aktar cut-off riċenti (Ottubru 2024), ċifra konsistenti mal-cut-offs preċedenti.

²² L-Aġenzija għall-Proġetti ta' Riċerka Avanzati (ARPA, Advanced Research Projects Agency) hija aġenzija tal-gvern tal-Istati Uniti li tiffinanzja riċerka b'riskju għoli u b'rendiment għoli biex tixpruna innovazzjonijiet rivoluzzjonarji fix-xjenza u t-teknoloġija, oriġinarjament stabbilita bħala ARPA (issa DARPA, Defense Advanced Research Projects Agency) taħt id-Dipartiment tad-Difiża u aktar tard irreplikata f'setturi oħra bħall-enerġija (ARPA-E, Advanced Research Projects Agency-Energy) u s-saħħa (ARPA-H, Advanced Research Projects Agency for Health).

²³ Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, She-Figures 2024 – Rapport ta' politika, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, 2025.

²⁴ France Digitale, 2024

biex jimmobilizzaw l-investituri istituzzjonali biex jipparteċipaw fl-investimenti tal-kapital ta' riskju.²⁵

Ħafna startups isibuha diffiċli li jużaw l-assi intanġibbli tagħhom, bħall-proprjetà intellettuali (PI), bħala kollateral jew titolu biex jiġġeneraw finanzjament, minħabba i) prattiki bankarji restrittivi, ii) ekosistema ta' valutazzjoni tal-PI sottożviluppata, iii) nuqqas ta' fiduċja fil-metodi ta' valutazzjoni tal-PI, iv) għarfien baxx tal-metodi ta' valwazzjoni tal-PI rikonoxxuti internazzjonalment u, b'mod aktar ġenerali, v) rikonoxximent limitat tas-suq tal-finanzjament appoġġat mill-PI. Hemm nuqqas ta' inċentivi fl-UE biex iħeġġu lill-banek u lill-investituri istituzzjonali jinvolvu ruħhom f'finanzjament appoġġat mill-PI.

Il-potenzjal tal-investituri informali Ewropej għadu limitat minn ostakli għall-investment transfruntier u prattiki tan-negozju li jorbtu l-investment ta' investituri informali fuq perjodu twil.

Il-leġislazzjoni tal-UE bħall-iskrinjar tal-Investment Dirett Barrani (IDB) u r-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat hija essenzjali biex jiġu żgurati s-sigurtà, l-interessi strateġiċi u l-ekwità tas-suq uniku tal-UE. Dan japplika wkoll għall-IDB fl-istartups u fl-iscaleups, fejn kwistjonijiet tas-sjeda tal-PI u l-valur miżjud lokali huma kruċjali. Madankollu, l-implimentazzjoni tagħhom xi drabi tista' titqies bħala piż żejjed u xkiel mill-istartups. Għalhekk, huwa importanti li dawn l-istrumenti jibqgħu mmirati lejn l-oġettivi tagħhom. F'dan il-kuntest, ir-reviżjoni li għaddejja tar-Regolament dwar l-iskrinjar tal-IDB għandha l-għan li tarmonizza proċessi ta' skrinjar fl-Istati Membri u li ttejjeb il-kooperazzjoni fl-UE kollha. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li l-proċeduri ta' skrinjar tal-IDB ikunu effettivi, proporzjonati, prevedibbli, u ma jfixklux investimenti leġittimi. Ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat diġà joffru xi flessibbiltà għall-istartups, u dan jippermetti eżenzjonijiet minn restrizzjonijiet ġenerali fuq għajnuna lill-kumpaniji "f'diffikultà". Madankollu, peress li d-definizzjonijiet kurrenti jiddependu fuq indikaturi finanzjarji statiċi, il-Kummissjoni se tivvaluta kif tfassal aħjar dawn ir-regoli biex tipprovdi appoġġ biex l-istartups jikbru.

Id-disponibbiltà limitata ta' għażliet ta' ħruġ xierqa hija ostaklu ewlieni għat-tkabbir tal-kapital ta' riskju u t-tkabbir fl-UE. Filwaqt li l-volumi tal-IPO fl-Ewropa kibru b'mod sinifikanti—laħqu aktar minn EUR 320 biljun f'dawn l-aħħar għaxar snin—il-ħruġ għadu kkonċentrat fi ftit pajjiżi, u s-suq tal-ishma tal-UE huwa biss 55 % tad-daqs tal-PDG tal-UE meta mqabbel ma' 147 % fl-Istati Uniti. L-UE tirrappreżenta biss 11 % tal-IPOs globali.

Biex tindirizza l-isfidi ewlenin fil-funzjonament tas-swieq kapitali tal-UE, il-Kummissjoni qed timplimenta l-istrateġija tal-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investment (SIU, Savings and Investment Union).²⁶ L-SIU se tnaqqas il-frammentazzjoni tas-suq, toħloq opportunitajiet ta' investment aħjar għaċ-ċittadini u se tgħin biex tespandi l-għażliet ta' finanzjament għan-negozji. B'mod partikolari se tfittex li ttejjeb l-aċċess għall-finanzjament tal-ekwità u tad-dejn għall-istartups u l-iscaleups, issaħħaħ ir-rwol tal-kapital ta' riskju u tal-investituri istituzzjonali u tallinja aħjar l-istrumenti ta' finanzjament pubbliku tal-UE mal-oġettivi tal-SIU.

²⁵ Pereżempju, l-inizjattiva Tibi fi Franja jew l-inizjattiva WIN fil-Ġermanja.

²⁶ Savings and Investments Union A Strategy to Foster Citizens' Wealth and Economic Competitiveness in the EU (COM/2025/124, final)

Finalment, **il-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet għandhom rwol ewlieni fir-riinvestiment u fl-espansjoni tal-innovazzjoni**, iżda aktar minn 60 % tal-akkwiżizzjonijiet Ewropej tal-istartups isiru minn kumpaniji mhux tal-UE. Sabiex l-UE żżomm is-sovranià teknoloġika tagħha u trawwem it-tkabbir tal-innovazzjoni lokali, il-korporattivi Ewropej iridu jikkompetu aħjar biex iżommu t-talent u t-teknoloġiji fil-kontinent tagħna, filwaqt li jiżguraw li l-kumpaniji ġodda jkunu jistgħu jagħżlu l-istrateġiji ta' tkabbir u ta' ħruġ tagħhom mingħajr ma jxekklu l-ambizzjoni.

Azzjonijiet

- Il-Kummissjoni se **tespandi l-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni** u se tissimplifika r-regoli tiegħu. L-EIC se jżid l-enfasi tiegħu fuq finanzjament xprunat mill-isfidi u fi stadji għal innovazzjonijiet b'riskju għoli billi jintroduċi proċessi li jixbhu aktar lil dawk tal-ARPA. Se jespandi wkoll in-Network ta' Investituri ta' Fiduċja tiegħu u se jinvolvi ruħu aħjar ma' centaurs u unicorns tal-UE għal feedback dwar il-politika (2025).
- Il-Kummissjoni se taħdem ma' investituri privati biex timplimenta, bħala parti mill-Fond tal-EIC, **Fond għall-Iscaleups tal-Ewropa**,²⁷ ibbażat fuq is-suq, ġestit privatament u kkofinanzjat privatament, bi strateġija ta' investiment iffukata li għandha l-mira li tnaqqas id-diskrepanza tal-finanzjament ta' kumpaniji scaleup tat-teknoloġija profonda. Il-Fond għall-Iscaleups tal-Ewropa se jimmobilizza fondi privati sinifikanti u se jagħmel investimenti fl-ekwità diretti fis-setturi strateġiċi,²⁸ biex jikkontribwixxi għas-sovranià teknoloġika u s-sigurtà ekonomika tal-Ewropa. L-użu tal-Fond għall-Iscaleups tal-Ewropa huwa mingħajr preġudizzju għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-Fond għall-Iscaleups tal-Ewropa se jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib ma' InvestEU u f'komplementarjetà mal-Inizjattiva ta' Champions Ewropej tat-Teknoloġija u strumenti oħra tal-Grupp tal-BEI (2026).
- Il-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mal-Grupp tal-BEI, se taħdem ma' investituri istituzzjonali kbar biex tiżviluppa **Patt Ewropew ta' Investiment fl-Innovazzjoni volontarju** għal dawk li jimpenjaw ruħhom li jinvestu parti mill-assi tagħhom taħt ġestjoni fil-fondi ta' fondi tal-UE, fil-fondi ta' kapital ta' riskju u fl-iscaleups mhux elenkati (2026).
- Il-Kummissjoni se tisfrutta u se ssaħħa l-istrumenti eżistenti u se tiżviluppa strumenti ġodda biex tinvesti **fi startups u fi scaleups Ewropej tas-sigurtà u d-difiża**, f'konformità mal-White Paper dwar id-Difiża²⁹ u abbażi tal-Pakkett ta' Simplifikazzjoni Omnibus dwar id-Difiża li jmiss. Dawn l-istrumenti jistgħu jinkludu approċċi ta' finanzjament aktar flessibbli u adattivi għall-innovaturi emerġenti tad-

²⁷ Dan il-fond isemma f'Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni preċedenti, eż. fil-Patt għal Industrija Nadifa, bħall-Fond għall-Iscaleups TechEU – il-kunċett huwa l-istess. Il-governanza interna tal-Kummissjoni tal-fond se tiġi deċiża wara l-adozzjoni tal-istrateġija.

²⁸ Bħal pereżempju l-intelliġenza artifiċjali, it-teknoloġiji kwantistiċi, is-semikondutturi avvanzati, it-teknoloġija medika, il-bijoteknoloġija, l-applikazzjonijiet tal-bioekonomija, it-teknoloġija u l-enerġija nadifa (inkluża t-teknoloġija nukleari), it-teknoloġija tal-ilma u t-teknoloġija blu, is-sigurtà, id-difiża, l-ispazju, ir-robotika u l-materjali avvanzati, kif ukoll kwalunkwe applikazzjoni b'użu doppju.

²⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, White Paper għad-Difiża Ewropea – Prontezza 2030, 19 ta' Marzu 2025 https://commission.europa.eu/document/download/e6d5db69-e0ab-4bec-9dc0-3867b4373019_en?filename=White%20paper%20for%20European%20defence%20%E2%80%93%20Readiness%202030.pdf

difiża, inkluż ukoll mill-Ukrajna, bħal appoġġ immirat lil entitajiet uniċi; kif ukoll li jsaħħu u jwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-opzjonijiet ta' finanzjament tal-UE disponibbli, inklużi strumenti ta' ekwità u ta' dejn (2026).

- Il-Kummissjoni se tiżviluppa **qafas għall-valwazzjoni tal-PI** għall-finanzjament appoġġat mill-PI f'kooperazzjoni mal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea. Se tespandi wkoll il-bażi tal-evidenza biex tiżviluppa strumenti konkreti ta' finanzjament tal-PI. (It-tieni trimestru tal-2027).
- Il-Kummissjoni se tappoġġa **investituri informali Ewropej** u n-networks tagħhom sabiex toħloq aktar possibbiltajiet biex l-istartups ġodda jikbru (2026).
- Il-Kummissjoni, fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar, se tirrieżamina d-definizzjoni ta' **“impriża f'diffikultà”** filwaqt li tqis l-ostakli possibbli għal ċerti startups u scaleups, li ma humiex f'riskju li jfallu, biex jibbenefikaw minn tipi oħra ta' għajjnuna mill-Istat (mit-tieni trimestru tal-2025).
- Il-Kummissjoni se tirrieżamina l-**Linji Gwida dwar Fużjonijiet Orizzontali u Mhux Orizzontali** filwaqt li żżomm f'moħħha l-kriterji dinamiċi bħall-kompetizzjoni għall-innovazzjoni (2027).
- Il-Kummissjoni se toħloq **Network Korporattiv Ewropew** biex tintegra aħjar lill-kumpaniji kbar, lill-investituri korporattivi f'riskju u lil akkwirenti korporattivi fl-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE u biex dawn jibbenefikaw minn soluzzjonijiet innovattivi żviluppati mill-istartups. Il-membri tan-**Network** jagħtu pariri dwar politika relatata, jinvolvu ruħhom f'pariġġar ma' startups u jwettqu impenn volontarju biex jagħtu privileġġ lil startups Ewropej meta jinvolvu ruħhom, jinvestu fi u jakkwistaw soluzzjonijiet innovattivi, speċjalment meta jużaw finanzjament pubbliku jew meta joperaw infrastrutturi tar-riċerka jew tat-teknoloġija kritiċi (2026).

4. ADOZZJONI U ESPANSJONI RAPIDI TAS-SUQ

Il-kummerċjalizzazzjoni b'suċċess ta' prodotti innovattivi tiddependi fuq taħlita ta' sforz intraprenditorjali, kapital b'tolleranza tar-riskju, domanda tas-suq u appoġġ pubbliku. L-universitajiet³⁰ għandhom rwol kruċjali f'din l-ekosistema, u jipproduċu aktar minn 157 000 spin-off u startup mill-gradwati, b'hekk, potenzjalment, se jiġġeneraw 6,1 miljun impjieg fid-deċennju li ġej.³¹ L-UE għandha rekord twil ta' inizjattivi u politiki pubbliċi b'appoġġ ta' ekosistemi tal-innovazzjoni. Is-Sistema Ewropea tal-Privattiva Unitarja, immedija fl-2023, hija mistennija li tnaqqas b'mod sinifikanti l-kostijiet tal-privattivi, ttiprovdi protezzjoni uniformi u tħaffef il-kummerċjalizzazzjoni ta' teknoloġiji madwar l-UE.

Fl-Ewropa, it-traspożizzjoni tar-riċerka f'impriżi kummerċjali għadha baxxa barra mill-clusters tal-innovazzjoni bi prestazzjoni għolja. L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija,³² in-Network Enterprise Europe,³³ il-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti (ECCP, European Cluster Collaboration Platform) u l-EDIHs (EDIH, European Digital Innovation Hub) (Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali) diġà jappoġġaw l-intraprenditorija u l-istartups akkadeimiċi, iżda xorta waħda għad hemm kwistjonijiet ewlenin. Filwaqt li l-universitajiet jammontaw għal aktar minn 10 % tal-privattivi rreġistrati fl-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, terz minnhom biss huma sfruttati kummerċjalment. Kwistjoni ewlenija hija n-nuqqas ta' mentalità favur l-innovazzjoni f'diversi universitajiet, fejn hemm inċentivi insuffiċjenti għar-riċerkaturi biex jikkummerċjalizzaw ix-xogħol tagħhom. L-oqfsa legali, organizzattivi u finanzjarji għal spin-offs akkadeimiċi jvarjaw fl-Ewropa, u jikkawżaw pajsaġġ mhux uniformi fil-kontinent. Barra minn hekk, il-proċess tal-akkwist pubbliku f'ħafna pajjiżi tal-UE huwa wisq avvers għar-riskju, u jiffavorixxi lil fornituri stabbiliti aktar milli l-istartups. Dan jillimita l-aċċess mill-istartups għall-kuntratti pubbliċi għal soluzzjonijiet innovattivi. Il-proċessi tal-akkwist korporattivi ifixklu wkoll il-kapaċità tal-istartups li jespandu, bl-innovazzjoni ta' spiss maħnuqa minn Prattiki avversi għar-riskju.

Biex trawwem ambjent ta' innovazzjoni aktar koeżiv, l-UE trid thegġegħ ekosistemi interkonnessi aktar b'saħħithom b'appoġġ akbar għall-universitajiet, għall-istituzzjonijiet tar-riċerka, u għall-istartups. Is-Sistema tal-Privattiva Unitarja trid tiġi adottata bis-sħiħ mill-Istati Membri kollha tal-UE biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-privattivi u biex tiġi ffaċilitata l-kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka. Min-naħa tal-akkwist, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tippjana li tirrevedi u ttipponi leġislazzjoni u miżuri mhux leġislattivi li jikkonċernaw l-akkwist pubbliku u privat, li se jgħinu wkoll biex jiġu appoġġati aħjar l-istartups u l-iscaleups billi jitnaqqsu l-ostakli possibbli u tithegġegħ l-innovazzjoni. Miżuri

³⁰ Inkluż Universitajiet tax-Xjenza Applikata u Organizzazzjonijiet tar-Riċerka u t-Teknoloġija.

³¹ Redstone University Startup Index - Europe's Trillion Euro Opportunity, 2024 - <https://www.redstone.vc/research/redstone-university-startup-index>

³² L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT, European Institute of Innovation and Technology) appoġġa direttament lil aktar minn 9 900 startup u scaleup li kollettivament żiedu kważi EUR 10 biljun f'finanzjament estern, u dan irriżulta f'unicorns u f'kumpaniji innovattivi li llum jiswew EUR 71,2 biljun.

³³ Aktar minn 3 500 konsulent tan-Network Enterprise Europe (EEN, European Enterprise Network) jgħinu lill-istartups u l-iscaleups b'appoġġ għan-negozju mingħajr ħlas fi kważi 60 pajjiż. Aktar minn 1 500 cluster jagħtu wkoll spinta lill-innovazzjoni u lill-kompetittività fost il-partijiet ikkonċernati tiegħu, inkluż għall-istartups.

mhux leġiżlattivu komplementari se jtejbu l-monitoraġġ, il-finanzjament, u n-networks ta' kompetenza nazzjonali fl-Istati Membri. Bl-appoġġ ta' kollaborazzjonijiet transfruntiera intra-UE u s-simplifikazzjoni tal-aċċess għall-proċessi tal-akkwist, l-UE tista' toħloq ambjent aktar favorevoli għat-tkabbir u għall-espansjoni tal-istartups. Sabiex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-istartups u l-korporattivi, għandhom jiġeġġu sħubijiet strateġiċi, li jagħmluha aktar faċli għall-istartups biex jiżguraw l-ewwel klijenti tagħhom u biex jikbru. Il-**politika ta' koeżjoni** tista' tgħin ukoll biex tikkonnettja flimkien lill-atturi reġjonali u nazzjonali, trawwem konnettività territorjali u tgħin lill-istartups jespandu. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni huwa pass ewlieni fl-allinjament tal-isforzi reġjonali u nazzjonali biex l-istartups jiġu meġhuna jikkonnettjaw ma' korporazzjonijiet akbar u jidħlu fi swieq ġodda.

Finalment, il-Kummissjoni f'kooperazzjoni mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-Istati Membri se tappoġġa lill-**istartups biex jaċċessaw is-swieq globali**, inkluż bl-ingranaġġ ta' ftehimiet kummerċjali kif ukoll bil-mobilizzar permezz tad-Delegazzjonijiet tal-UE, in-networks tal-Istati Membri u l-għodod iddedikati tal-UE.³⁴ Il-Kummissjoni se taħdem ukoll fuq l-integrazzjoni aħjar ta' soluzzjonijiet innovattivi mill-istartups u l-iscaleups fil-ktajjen tal-valur tal-Global Gateway u se tkun ta' benefiċċju għall-istrumenti finanzjarji ta' appoġġ tagħha, biex ittejjeb l-aċċess tagħhom fis-swieq li qed jiżviluppaw.

Azzjonijiet

- Il-Kummissjoni se tniedi l-**Inizjattiva Lab to Unicorn** biex taċċellera l-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka. Taħt din l-inizjattiva, il-Kummissjoni se:
 - tappoġġa ċ-**Ċentri Ewropej Ewlenin tal-Istartups u l-Iscaleups**, li għandhom l-għeruf tagħhom f'ekosistemi universitarji b'saħħithom, biex joħolqu network u jikkollaboraw bejn il-fruntieri ħalli jiġi pprovdut aċċess lill-istartups u l-iscaleups għas-servizzi, l-infrastrutturi u l-korporattivi rispettivi ta' xulxin. Is-sinerġiji man-networks eżistenti se jiġu sfruttati meta rilevanti (2026).
 - tiżviluppa **pjan ta' azzjoni għal-liċenzjar, il-kondiviżjoni tar-royalties u tal-profitti u l-parteċipazzjoni fl-ekwità għall-istituzzjonijiet akkademiċi u l-inventuri tagħhom** meta jikkummerċjalizzaw il-PI u joħolqu spin-offs, skont l-aħjar prattika kummerċjali. Il-Kummissjoni se tappoġġa l-bini tal-kapaċità tal-Uffiċċji ta' Trasferiment tat-Teknoloġija u l-ħolqien ta' rwoli tal-“bennejja tal-impriżi” f'organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, inklużi Organizzazzjonijiet ta' Riċerka u Teknoloġija, infrastrutturi ta' riċerka u universitajiet (2026).
 - se tiġi pprovduta **gwiċa legali u implimentattiva dwar ir-regoli applikabbli tal-Għajnuna mill-Istat** biex jiġu sostnuti l-istartups billi jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet li bis-saħħa tagħhom, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka pubbliċi jistgħu jagħtu d-drittijiet tal-IP f'konformità mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat (2026).

³⁴ L-inklużjoni ta' pjattaformi online bħall-portal Access2Markets tal-Kummissjoni, helpdesks speċifiċi f'pajjiżi mhux tal-UE, networks appoġġati mill-Kummissjoni bħan-Network Enterprise Europe jew il-Kmamar tal-Kummerċ nazzjonali jew Ewropej fl-UE, jew fi swieq barranin potenzjali.

- Il-Kummissjoni se ttipproponi sett ta' miżuri **għall-akkwist favur l-innovazzjoni**. B'mod partikolari:
 - Fil-kuntest tar-**reviżjoni tad-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku**, il-Kummissjoni se tfittex modi biex ittejjeb u tissimplifika l-aċċess għall-akkwist pubbliku, filwaqt li tqis il-ħtiġijiet tal-istartups u l-iscaleups. Il-konsultazzjoni pubblika teżamina wkoll kwistjonijiet partikolarment rilevanti għall-istartups u l-iscaleups, bħal-limitazzjoni tal-ispeċifikazzjoni żejda u r-rekwiżiti finanzjarji eċċessivi fid-dokumenti tal-offerti u l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-DPI aktar favorevoli għall-innovazzjoni u l-inġinerija tal-valur.
 - Fil-kuntest tar-**reviżjoni tad-direttiva tal-UE dwar l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà**, il-Kummissjoni se tfittex modi biex trawwem l-inklużjoni ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu fl-akkwisti u tqis preferenza possibbli tal-UE fl-akkwisti biex issaħħaħ il-kompetittività u s-sovranità teknoloġika tal-UE.
 - Fil-kuntest tal-**Att Ewropew għall-Innovazzjoni**, biex tikkomplementa dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni se tfittex modi kif iżżid l-investimenti totali fl-akkwist pubbliku u privat tal-innovazzjoni fl-Ewropa billi i) ttiprovdi proċedura rapida għall-akkwist pubbliku ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp li jaqgħu barra mid-Direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, inklużi l-akkwisti prekummerċjali; ii) tinċentiva strateġiji ta' akkwist li huma bbażati fuq l-innovazzjoni għall-akkwirenti privati.

Il-Kummissjoni se tappoġġa l-miżuri leġiżlattivi msemmija hawn fuq b'**miżuri ta' appoġġ mhux leġiżlattivi**, bħal billi i) tkompli l-monitoraġġ madwar l-UE tal-oqfsa u tal-investimenti tal-politika nazzjonali dwar l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi u tintegrahom fit-tabelli ta' valutazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tas-Sistema Ewropea tal-Innovazzjoni; ii) issaħħaħ l-appoġġ mill-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE lill-akkwirenti pubbliċi biex jimplimentaw akkwist konġunt ta' innovazzjoni f'setturi u teknoloġiji strateġiċi u iii) issaħħaħ in-network Ewropew ta' ċentri nazzjonali ta' kompetenza għall-akkwist ta' innovazzjoni u testendih ulterjorment lill-Istati Membri kollha.

5. APPOĠĠ GĦALL-AQWA TALENT FL-EWROPA

Is-suċċess ta' startup jiddependi ħafna fuq aċċess għal talent b'livell għoli ta' ħiliet. Xi Stati Membri tal-UE implimentaw inizzjattivi bħal skemi ta' viża tan-nomadi diġitali, IDs diġitali ta' residenza elettronika u programmi ta' ħaddiema kwalifikati biex jattiraw l-aqwa talent. Dawn l-iskemi huma mfassla biex jiffaċilitaw ir-rilokazzjoni ta' kandidati b'livell għoli ta' ħiliet, u b'hekk jagħmluha aktar faċli għall-istartups biex jisfruttaw ir-riżerva ta' talent globali. Ir-Riżerva ta' Talenti tal-UE u s-Sħubija għat-Talenti se jgħinu wkoll fir-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kwalifikati, imfassla għas-setturi l-aktar fil-bżonn ta' forza tax-xogħol kwalifikata. Barra minn hekk, 59 % tal-istartups fl-Ewropa għandhom timijiet distribwiti mill-bogħod, bi 78 % mit-timijiet tal-inġinerija jaħdmu mill-bogħod. Din ix-xejra għenet biex tipprevjeni eżodu ta' mhuġ reġjonali u ppermettiet li l-istartups ikollhom aċċess għal riżerva ta' talent Ewropew usa' filwaqt li timminimizza l-kostijiet operazzjonali. Madankollu, il-ħidma f'timijiet transfruntiera mill-bogħod għadha mxejjla mill-kumplessità tal-obbligi ta' taxxa u ta' sigurtà soċjali.

Minkejja dawn l-inizzjattivi, il-kompetizzjoni għal talent kwalifikat għadha qalila. L-ostakli għall-mobbiltà transfruntiera, b'mod partikolari tfixkil għar-rikonoxximent tal-kwalifiki, potenzjal akkademiku mhux sfruttat, sottorappreżentanza sinifikanti ta' nisa u diversità limitata jikkontribwixxu għal din il-kwistjoni. Barra minn hekk, l-istartups spiss ma jkunux jistgħu jilghu l-pagi u l-benefiċċji offriti minn kumpaniji akbar, u dan jagħmilha diffiċli biex jattiraw impjegati mill-aqwa. Il-kumplessitajiet dwar l-Opzjonijiet ta' Stokk għall-Impjegati (ESOs, Employee Stock Options), bħad-differenzi fit-trattament tat-taxxa fl-Istati Membri tal-UE, jgħolqu sfidi addizzjonali għall-istartups meta joffru kumpens mhux fi flus biex jattiraw talent kwalifikat.

Hemm ukoll kwistjoni maġġuri fl-edukazzjoni intraprenditorjali.³⁵ Inqas minn 50 % tal-istudenti tal-UE fl-edukazzjoni sekondarja u għolja għandhom aċċess għal kwalunkwe forma ta' edukazzjoni intraprenditorjali, li jxekkel l-iżvilupp ta' intraprendituri futuri.³⁶ Barra minn hekk, l-oqfsa eżistenti għall-ġestjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati fir-riċerka akkademika spiss ma jkollhomx l-inċentivi meħtieġa, peress li l-universitajiet jagħtu prijorità lill-pubblikazzjoni akkademika aktar milli l-kummerċjalizzazzjoni.^{37,38}

Sabiex tiġi indirizzata d-diskrepanza fit-talenti, huwa essenzjali li tittejjeb l-edukazzjoni intraprenditorjali, filwaqt li jiġi żgurat li l-istudenti jiksbu l-ħiliet, il-mentalità u r-reżiljenza meħtieġa għall-innovazzjoni u għall-ħolqien tal-impjiegi. Il-programmi għandhom ikunu allinjati aħjar mal-ħtiġijiet tal-industrija biex l-istudenti jiġu mgħammra b'għarfien Prattiku. Barra minn hekk, il-promozzjoni ta' tmexxija u diversità bbilanċjati bejn il-ġeneri fi ħdan l-ekosistema tan-negozji ġodda se tgħin biex tinbena riżerva ta' talent aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti. L-universitajiet għandhom jiffukaw aktar fuq l-inċentivar tal-kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka u l-ħolqien ta' strutturi ta' premjazzjoni xierqa għar-riċerkaturi li jikkontribwixxu

³⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, 2025, https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/union-skills_mt

³⁶ *Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020* tal-Kummissjoni Ewropea

³⁷ [Challenges in academic commercialisation: a case study of the scientists' experiences](#)

³⁸ Ir-rapport ta' Draghi (2024), p. 241.

għal formazzjonijiet spinoff u trasferiment tal-għarfien. L-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tat-trattament tal-**Opzjonijiet ta' Stokk għall-Impjegati (ESO)**, inkluża t-tassazzjoni, fl-Istati Membri tal-UE se tnaqqas il-kumplessità amministrattiva u se thegħgeġ lil aktar startups joffru l-ESOs bħala benefiċċju kompetittiv. Sabiex jgħinu fiż-żamma tat-talent, l-istartups għandhom ikompli jħaddnu l-mudell ta' xogħol mill-bogħod, filwaqt li jiġi żgurat li huma jinnavigaw l-isfidi relatati mal-kura tas-saħħa, ir-responsabbiltajiet tal-indoktrinati, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u t-tassazzjoni tal-irtirar b'mod effettiv.

Id-Direttiva dwar il-Karta Blu tal-UE u l-proposta għal Direttiva dwar Residenti għal Żmien Twil huma passi ewlenin fl-iffaċilitar tal-attraenza u ż-żamma ta' talenti mhux tal-UE b'livell għoli ta' ħiliet. Madankollu, il-Karta Blu primarjament tindirizza lill-impjegati u mhux lill-fundaturi tal-istartups jew lill-imprendituri innovattivi. Xi Stati Membri għandhom skemi nazzjonali, iżda l-proċess għadu frammentat u kumpless. Is-simplifikazzjoni ta' dawn il-proċeduri għall-permessi tax-xogħol u ta' residenza se tgħin biex tinholq sistema aktar koeżiva u effiċjenti. Barra minn hekk, ir-reklutaġġ internazzjonali minn pajjiżi barra mill-UE se jkun essenzjali biex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem tikber għal ħiliet speċjalizzati fil-livelli kollha fl-ekosistema tal-istartups.

Azzjonijiet

Il-Kummissjoni se tniedi **inizjattiva Blue Carpet** biex tappoġġa l-attraenza u ż-żamma ta' talent b'livell għoli ta' ħiliet u divers mill-UE u minn pajjiżi mhux tal-UE. Bħala parti minn din l-inizjattiva, il-Kummissjoni se (2025-2026):

- Tippromwovi u ssaħħaħ b'mod attiv **l-edukazzjoni intraprenditorjali** u t-titjib tal-ħiliet, inkluż permezz tal-EIT (EIT, European Institute of Innovation and Technology), filwaqt li tippromwovi parteċipazzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri u diversa.
- tiżviluppa **pjan iddettaljat għal qafas akkademiku ta' żvilupp tal-karriera** li jippremja l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka, inkluż it-tranżizzjoni mill-università għall-industrija u lura, bħal fil-kriterji tal-evalwazzjoni u l-promozzjoni tal-persunal akkademiku, bħala parti mill-qafas għall-Kompetenza tal-persunal akkademiku mħabbar fl-Unjoni tal-Ħiliet.³⁹
- tesplora l-aħjar prattiki dwar it-trattament tal-**opzjonijiet ta' stokk għall-impjegati għall-istartups**, inkluż billi tikkunsidra miżuri leġislattivi biex tarmonizza ċerti aspetti tat-trattament tagħhom.
- tipproponi rakkomandazzjoni **biex telimina ostakoli tat-taxxa għall-impjegati transfruntiera mill-bogħod** għal startups u scaleups.
- tippreżenta **Pakkett dwar il-Mobilità tax-Xogħol Ġusta**, inkluż kjarifika tar-regoli ta' koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali f'każ ta' xogħol mill-bogħod transfruntier u **Inizjattiva ta' Portabbiltà tal-Ħiliet** biex tiffaċilita u tissimplifika ulterjorment ir-rikonnoxximent tal-kwalifiki, inkluż għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (2026).
- tadotta **Strateġija tal-UE dwar il-Viżi** li tinkludi miżuri biex tattira aħjar studenti, riċerkaturi, imprendituri u ħaddiema mħarrġa minn pajjiżi terzi b'livell għoli ta' ħiliet biex jiġu lejn l-UE, pereżempju billi tagħmel l-aħjar użu mid-Direttiva dwar l-

³⁹ [Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet](#)

Istudenti u r-Riċerkaturi u d-Direttiva dwar il-Karta Blu b'mod partikolari għall-fundaturi tal-istartups (ir-raba' trimestru tal-2025).

- tmexxi l-inizjattiva tal-**Uffiċċji ta' Gateway Legali b'Diversi Għanijiet** b'fokus speċifiku fuq il-ħiliet fl-ICT (ir-raba' trimestru tal-2025). Il-proġett pilota se jservi bħala punt uniku ta' servizz għal informazzjoni u assistenza lil professjonisti, studenti u riċerkaturi b'livell għoli ta' ħiliet fis-settur tal-ICT, li huma interessati jaħdmu fl-UE.
- tintroduċi attivitajiet ta' informazzjoni mmirati **biex tippromwovi d-Direttiva dwar il-Karta Blu tal-UE**, fost ħaddiema u impjegaturi mhux tal-UE b'livell għoli ta' ħiliet dwar il-benefiċċji tal-Karta Blu tal-UE, inkluża l-possibbiltà li d-detentur tal-Karta Blu tal-UE u l-membri tal-familja tiegħu jiksibu aċċess aktar faċli għall-istatus ta' residenza għal żmien twil tal-UE.
- **tħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu skemi rapidi** li jippermettu lill-fundaturi eliġibbli tal-istartups jiksibu permess ta' residenza u ta' xogħol skont proċeduri simplifikati u mħaffa.
- **tissimplifika u ssaħħaħ servizzi eżistenti ta' EURAXESS għall-innovaturi**, inkluż billi toffri appoġġ personalizzat lil talent mhux tal-UE, b'informazzjoni essenzjali dwar il-proċeduri rispettivi fl-Istati Membri differenti tal-UE.

6. AĊĊESS GĦALL-INFRASTRUTTURA, NETWORKS U SERVIZZI

L-istartups jeħtieġu riċerka avvanzata, faċilitajiet teknoloġiċi, u għarfien espert biex jittestjaw, jespandu u jivvalidaw malajr prodotti ġodda, jaċċelleraw iż-żmien sa kemm jaslu fis-suq u jagħtu spinta lis-suċċess tal-kummerċjalizzazzjoni. Orizzont Ewropa jappoġġa dan billi jiffinanzja l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew, li se tospita 13-il Fabbrika tal-IA ġdida li joffru qawwa komputazzjonali u appoġġ personalizzat lill-SMEs u lill-istartups.⁴⁰

Networks bħan-**Network Enterprise Europe, il-Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej** u l-EIT jipprovdu assistenza mmirata. Iżda minkejja dawn ir-riżorsi, **lakuni fl-informazzjoni, proċessi ta' aċċess kumplessi u ftehimiet tal-ġestjoni tal-PI** frammentati jibqgħu ostakoli ewlenin. Diversi startups jitħabtu biex jinnavigaw il-**labirint ta' servizzi**, u ma jkunux jistgħu jidentifikaw faċilment l-**infrastrutturi tar-riċerka** jew l-opportunitajiet ta' finanzjament ix-xierqa. In-nuqqas ta' punti tad-dħul ċari u aċċess frammentat għall-finanzjament, għas-servizzi u għall-informazzjoni jaggravaw il-problema, u b'hekk l-istartups jitħallew mingħajr perkorsi ssimplifikati biex jaċċessaw appoġġ disponibbli. Ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat relatati mal-aċċess għal infrastrutturi pubbliċi xi drabi jitqiesu bħala mhux ċari.

L-istartups, l-iscaleups, l-innovaturi u l-investituri jeħtieġu aċċess aktar rapidu u aħjar għar-riżorsi meħtieġa biex jirnexxu u jikbru. Fil-kuntest tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività li ġej, il-Kummissjoni se tissimplifika l-hubs tal-IT tal-UE eżistenti bl-għan li tistabbilixxi punt tad-dħul diġitali uniku għall-innovaturi, għall-investituri, u għall-fornituri ta' servizzi Ewropej biex isibu, iqabblu u jaċċessaw programmi ta' finanzjament, servizzi u infrastruttura. Din l-inizjattiva se tiġi implimentata b'komplementarjetà mal-pjattaforma TechEU tal-BEI.

Azzjonijiet

- Il-Kummissjoni se tiżviluppa **Karta għall-Aċċess għall-utenti industrijali ta' infrastrutturi ta' riċerka u teknoloġija**, inkluż għall-istartups u l-iscaleups, u, fejn meħtieġ, se tissimplifika u tarmonizza aċċess u kundizzjonijiet kuntrattwali diverġenti. Il-Kummissjoni se tappoġġa b'mod finanzjarju aċċess għall-faċilitajiet tal-computing tal-IA għall-istartups (2025).
- Abbażi tal-Karta, l-**Att Ewropew għall-Innovazzjoni** se jkompli jippromwovi l-aċċess ta' kumpaniji innovattivi għall-infrastrutturi Ewropej ta' riċerka u teknoloġija permezz ta' **miżuri leġiżlattivi** (l-ewwel trimestru tal-2026).
- Il-Kummissjoni se ttipprovdi **gwida legali** u ta' implimentazzjoni **dwar ir-regoli applikabbli tal-Għajnuna mill-Istat** biex tiċċara l-kundizzjonijiet li bis-saħħa tagħhom, universitajiet u organizzazzjonijiet tar-riċerka pubbliċi jistgħu jagħtu aċċess għall-infrastruttura f'konformità mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat (2026).

⁴⁰ li se tintuża fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA

7. KEJL TAL-PROGRESS

Bħalissa ma hemm l-ebda definizzjoni unika tal-UE ta' startups, scaleups u kumpaniji innovattivi. Ħdax-il Stat Membru tal-UE adottaw definizzjoni legali ta' startup⁴¹ u ħames Stati Membri adottaw definizzjoni legali ta' scaleup,⁴² filwaqt li r-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija u r-Regolament Orizzont Ewropa jistabbilixxu wkoll definizzjonijiet fil-livell tal-UE għal skopijiet differenti. Dan johlq inċertezza u jagħmilha diffiċli li tinġabar data jew li jiġi vvalutat l-istat tal-ekosistema fi kwalunkwe ħin partikolari, u wisq inqas biex jitfasslu miżuri ta' politika mmirati għal dawn it-tipi ta' kumpaniji. It-Tabella ta' Valutazzjoni Ewropea tal-Innovazzjoni (EIS, European Innovation Scoreboard) u l-Istatistika Strutturali dwar in-Negozji tal-Eurostat (ESBS, Eurostat Structural Business Statistic) jipprovdu għarfien siewi dwar id-ditti b'rata għolja ta' tkabbir u l-ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni, iżda l-interpretazzjoni tagħhom hija affettwata min-nuqqas ta' definizzjonijiet standard u ġeneralment aċċettati.

F'dan l-isfond, hija meħtieġa definizzjoni armonizzata ta' startups, scaleups u kumpaniji innovattivi, mhux biss biex jitkejjel l-impatt tal-Istrateġija u l-miżuri ta' politika tagħha, iżda wkoll biex il-Kummissjoni tkun tista' tipproponi miżuri ta' simplifikazzjoni jew ta' appoġġ immirati addizzjonali għal dawn il-kategoriji ta' kumpaniji.

Azzjonijiet

- Il-Kummissjoni se tipproponi **definizzjoni ta' startups, scaleups u kumpaniji innovattivi**, filwaqt li tqis id-definizzjonijiet eżistenti tal-SMEs u tal-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (Q1 2026).
- Il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Tabella ta' Valutazzjoni Ewropea tal-Istartups u l-Iscaleups** li se tkejjel, abbażi ta' sett ta' indikaturi, il-prestazzjoni tal-ekosistemi Ewropej u nazzjonali tan-negozji ġodda u daww li qed jespandu. L-indikaturi se jinkludu, fost l-oħrajn, l-għadd ta' startups, scaleups, centaurs u unicorns. Se tintuża wkoll biex tkejjel l-impatt tal-Istrateġija billi tuża **tlit Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni**: 1) iż-żieda fl-għadd ta' startups fl-UE, 2) iż-żieda fl-għadd ta' centaurs fl-UE u 3) iż-żieda fl-għadd ta' unicorns fl-UE (mill-2026), u kif dawn ikunu se jrin meta mqabbla mal-kompetituri globali.
- Il-Kummissjoni se twettaq **stħarriġ annwali dwar l-istartups u l-iscaleups** biex tivvaluta l-perċezzjoni tal-fundaturi innovattivi tal-kumpaniji tat-titjib fl-ambjent regolatorju tal-UE mal-milja taż-żmien (mill-2026).

⁴¹ BG, DK, EE, EL, HU, IT, LV, LT, PT, SI, ES

⁴² BG, DK, EE, EL, PT

KONKLUŻJONI

L-Ewropa tinsab f'mument kruċjali, u t-tqegħid tal-istartups u l-scaleups fil-qofol tal-aġenda tal-kompetittività tagħha huwa essenzjali biex jixpruna t-tkabbir futur. L-Istrateġija tal-UE għall-Istartups u l-Iscaleups tistabbilixxi l-viżjoni u s-sisien tal-Kummissjoni Ewropea għal din it-trasformazzjoni, filwaqt li tisfrutta l-punti b'saħħithom tagħna u taħtaf l-opportunitajiet tax-xenarju ġeopolitiku attwali.

Din l-Istrateġija tadotta approċċ olistiku, u tissimplifika l-proċessi f'kull stadju tal-iżvilupp tal-istartup, u tikkombina azzjoni ta' terminu qasir ma' riformi ta' terminu twil biex toħloq ekosistema fejn l-istartups fi kwalunkwe settur jistgħu jirnexxu — u jagħżlu li jibqgħu u jirrilokaw lejn l-Ewropa. Taħseb għall-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi kandidati tal-UE.

Il-qofol tas-suċċess jinsab f'implimentazzjoni rapida u effettiva. Stadji importanti ewlenin bħall-Att Ewropew għall-Innovazzjoni u t-28 reġim għall-kumpaniji se jkunu kritiċi biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. L-Istrateġija tintegra appoġġ politiku, leġiżlattiv u finanzjarju, b'fokus qawwi fuq l-akkontabilità permezz ta' strumenti ta' traċċar ċari. Il-Kummissjoni Ewropea se tmexxi bl-eżempju, billi tinvolvi lill-komunita tal-istartups u tal-iscaleups – inkluż permezz ta' laqgħat regolari ta' unicorns u centaurs Ewropej – fit-tiswir u fl-eżekuzzjoni ta' dawn il-pjanijiet.

Il-kollaborazzjoni fl-Istati Membri hija essenzjali għas-suċċess. Il-Forum tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni se jsegwi l-progress u jibdel l-ambizzjoni f'azzjoni, filwaqt li l-appoġġ politiku se jkun kritiku biex jiġi żgurat it-twettiq f'waqt u effettiv tal-għanijiet tal-Istrateġija.

Wasal iż-żmien li l-Unjoni Ewropea ssir l-aqwa destinazzjoni għall-innovazzjoni, li tagħti s-setgħa lill-istartups u lill-iscaleups biex jikbru, jespandu u jirnexxu. Fil-kontinent tagħna.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill u lill-partijiet ikkonċernati japprovaw l-Istrateġija tal-UE għall-kumpaniji Startup u Scaleup u biex jikkontribwixxu b'mod attiv għat-twettiq tal-inizjattivi li hija tistabbilixxi.

Il-Kummissjoni se tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija sa tmiem l-2027.

L-ISTRATEĠIJA TAL-UE GĦALL-ISTARTUPS U L-ISCALEUPS

SOMMARJU TAL-AZZJONIJIET

<u>I. REGOLAMENT FAVOREVOLI GĦALL-INNOVAZZJONI</u>
Azzjonijiet
• It-28 reġim għall-kumpaniji (l-ewwel semestru tal-2026) • Kartieri Ewropej tan-Negożju (ir-raba' trimestru tal-2025) • Att Ewropew għall-Innovazzjoni (l-ewwel trimestru tal-2026) • “Test tal-Istress għall-Innovazzjoni” volontarju (l-ewwel trimestru tal-2026) • Jitnaqqsu l-piżijiet regolatorji f'setturi strateġiċi (mill-2025) • Reviżjoni tar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni (2026) • Studju dwar ristrutturar korporattiv (2026)
<u>II. FINANZJAMENT AĦJAR GĦALL-ISTARTUPS U L-ISCALEUPS</u>
Azzjonijiet
• Espansjoni u simplifikazzjoni tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (2025) • Fond Ewropew għall-Iscaleups(2026) • Patt Ewropew għall-Investment fl-Innovazzjoni (2026) • Strumenti Ewropej ta' investment għal startups u scaleups tas-sigurtà u d-difiża (2026) • Qafas għall-valwazzjoni tal-PI (it-tieni trimestru tal-2027) • Appoġġ għall-investituri informali Ewropej (2026) • Rieżami tad-definizzjoni ta' “impreġa f'diffikultà” (mit-tieni trimestru tal-2025) • Rieżami tal-Linji Gwida dwar Amalgamazzjonijiet Orizzontali u mhux Orizzontali (2027) • Network Korporattiv Ewropew (2026)
<u>III. ADOZZJONI U ESPANSJONI RAPIDI TAS-SUQ</u>
Azzjonijiet
• Inizjattiva Lab to Unicorn (2026) • Miżuri ta' akkwist favorevoli għall-innovazzjoni (2025-2026)
<u>IV. APPOĠĠ GĦALL-AQWA TALENT FL-EWROPA</u>
Azzjonijiet
• Inizjattiva Blue Carpet (2025-2026) • Pakkett dwar il-Mobilità tax-Xogħol Ġusta (2026)

<u>V. AĊĊESS GĦAL INFRASTRUTTURA, NETWORKS U SERVIZZI</u>
Azzjonijiet
• Karta ta' Aċċess għall-utenti industrijali tal-infrastrutturi ta' riċerka u teknoloġija (2025) • Att Ewropew għall-Innovazzjoni li jippromwovi l-aċċess ta' kumpaniji innovattivi għall-infrastrutturi Ewropej ta' riċerka u teknoloġija (l-ewwel trimestru tal-2026) • Gwida dwar ir-regoli applikabbli tal-Għajnuna mill-Istat għall-universitajiet u għall-organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka biex jagħtu aċċess għall-infrastruttura (2026)
<u>VI. KEJL TAL-PROGRESS</u>
Azzjonijiet
• Definizzjoni ta' startups, scaleups u kumpaniji innovattivi (2026) • Stħarriġ annwali dwar startups u scaleups (mill-2026) • It-Tabella Ewropea tal-Istartups u l-Iscaleups (mill-2026)